MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 241/2012

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)
vs
**Martin Pirotta**
iben Paul, imwieled Pieta' fid-19 ta' Awwissu, 1975,
detentur tal-karta ta' l-identita' numru 427175(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Martin Pirotta, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) :

1. Talli nhar id-29 ta' Awwissu, 2004, f'xi hin wara nofsinhar, fil-Mosta, ikkommetta serq ta' safe kontenenti somma ta' Lm 8,000.00 flus kontanti, u diversi oggetti ohra, u kif ukoll deheb minn residenza 'Malgradon', fi Triq E B Vella, Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta' George Schembri;

2. Talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, f'Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

3. Talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-imputat Martin Pirotta ghal piena ta' prigunerija effettiva ta' sentejn (2), li ghar-ragunijiet tal-progress minnu muri ma mponietx lejh il-massimu taghha. Rat ukoll l-artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Qieset illi kellhu jigi liberat mill-effetti ta' l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu dan gie moghti bhala Kap alternattiv.

Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ikkundannatu ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €375.13.

Rat ir-rikors tal-appellant Martin Pirotta tal-11 ta' Mejju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-8 ta' Mejju 2012 u dan billi taffermha fejn sabitu hati tal-ewwel akkuza, dik ta' serq aggravat bl-addebitu tar-recevida u illiberatu mit-tieni akkuza dik ta' ricettazzjoni u tvarjha ghal dik li jikkoncerna l-piena billi tipprovdi ghall-piena iktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccesiva u mhux idonea.

Illi kif sewwa irrimarkat l-ewwel Qorti wara l-ammissjoni li ghamel l-appellant il-Qorti ordnat li jsir pre-sentencing report. Hawn gie rrikmandat li l-imputat ilu snin izomm ‘l boghod minn sustanzi lleciti, zamm impjieg fiss u regolari u anke refa' s-sehem tieghu fit-trobbija ta' wliedu, l-ufficjal *tal-probation* ghalhekk irrakomanda li s-sentenza ghandha tkun tkopri fiha element ta' supervissjoni u kumpens. Il-Qorti pero' dehrilha li kellha timponi piena karcerarja minhabba fis-segwenti konsiderazzjoni "sfortunatament din il-Qorti, minhabba r-recediva, hija ghal kollox prekulza milli tapplika l-artikolu 28A u anke l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex b'hekk kienet zgur torbot lill-imputat b'terminu effettiv ta' restituzzjoni. Ma tqisex nonostante progress tal-imputat li stante l-ammont misruq u tenut kont tar-recediva, li ghandha tapplika l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, anke minhabba l-fatt li l-artikolu 24 tal-istess m'ghandux dak l-effett tal-artiklu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta".

Illi pero' dan kollu jikkuntrasta bi kbir ma' dak li qalet il-Qorti tal-Appelli Kriminali per Imhallef Joseph Galea Debono fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) -vs- Frances Caruana. Hawn il-Qorti qalet is-segwenti "Il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata u rat li l-motivazzjoni taghha biex applikat il-provvedimenti tas-sentenza sospiza kien dak li l-appellant ikun jista' jigi ordnat jhallas lura l-ammont truffat jew misapprorijat lill-vittma George Portelli u li l-interess ewlieni fil-kawza kien propju li l-appellat ihallas dawk il-flus lil Portelli. <u>Izda dan l-ghan jista' wkoll jintlahaq bl-applikazzjoni tal-provvedimenti taht l-artikolu 7 jew 22 u l-artikolu 24 tal-Kap 446 f’dan il-kaz".</u>

Illi ghalhekk bid-dovut rispett jidher car li l-ewwel Qorti m'apprezzatx bl-ahjar mod il-provvedimenti llum imsahha ferm aktar tal-istess Kapitolu 446 1i skont kif affermat il-Qorti tal-Appelli Kriminali ghandhom l-istess skop tal-provvedimenti tas-sentenzi sospizi.

Illi del resto ghandu jinghad li ormai huwa palezi li l-iskop ahhari tal-gustizzja penali hija dik riparatrici. Fil-fatt, matul dawn l-ahhar snin bosta kienu l-emendi promulgati sabiex

isahhu l-ghodda legali, sabiex il-Qrati jinghataw dejjem aktar sahha japplikaw din in-nozzjoni. Senjatament ukoll l-artikoli l-godda tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illi wara t-trapass ta' tmien snin mill-kummissjoni tar-reat de quo, l-appellant huwa pjenament irrintegrat fis-socjeta u ghalhekk piena karacerarja f'dan l-istadju tkun wahda kontro-producenti. Anke, minhabba fir-ragunijiet ben spjegati mill-ufficjal tal-*probation* li rrelata quddiem l-Ewwel Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogat mill-ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellant hi wahda eccessiva f’dan il-kaz.

Illi jirrizulta li b’nota tat-12 ta’ Dicembru, 2012 giet ezebiti skrittura li ggib id-data tas-6 ta’ Dicembru, 2012. Minn din l-iskrittura jirrizulta li l-appellant hallas lill-familja Schembri s-somma ta’ elfejn euro (€2,000) ghas-saldu tal-pretensjonijiet tal-familja Schembri kontra l-appellant. Inoltre, minn din l-iskrittura jirrizulta wkoll li l-familja Schembri kienet qed tahfer lill-appellant.

Illi din l-iskrittura giet ezebiti wara li l-ewwel Qorti kienet ippronunzjat ruhha u sahansitra wara li gie pprezentat ir-rikors tal-appell.

Illi jirrizulta mill-atti ta’ din il-kawza li l-ammissjoni tal-appellant ma kinitx xi wahda bikrija, anzi saret fl-20 ta’ Ottubru, 2010.

Illi hu car li minkejja l-kontenut ta’ l-iskrittura, l-appellant hallas lura biss parti mir-refurtiva.

Illi minhabba f’dan il-fatt hu ser jibbenefika minn dan l-att ta’ generosita’ intiz biss biex jevita l-piena ta’ prigunerija.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma sentenza appellata fl-intier taghha hlief ghal piena ta’ sentejn prigunerija erogata mill-ewwel Qorti u minflok tikundanna lill-imsemmi Martin Pirotta ghall-piena ta’ sena u disa’ xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------